32007D0237

20.4.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA’ L-UNJONI EWROPEA* L 103/49

**DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-13 ta’ April 2007**

**li temenda d-Deċiżjoni 92/452/KEE dwar ċerti gruppi ta’ ġbir u produzzjoni ta’ embrijuni fil-Kanada, fi New Zealand u fl-Istati Uniti ta’ l-Amerika**

*(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1582)*

**(It-testijiet Franċiżi u Olandiżi biss huma awtentiċi)**

(2007/237/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta’ Settembru 1989 dwar il-kondizzjonijiet ta’ saħħet l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta’ embrijuni ta’ annimali domestiċi ta’ l-ispeċi ta’ l-ifrat [1] u l-importazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi, b’mod partikolari l-Artikolu 8(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta’ Lulju 1992 li tistabbilixxi listi ta’ gruppi ta’ ġbir u produzzjoni ta’ embrijuni approvati f’pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta’ embrijuni ta’ l-ifrat lejn il-Komunità [2] tistipula li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw embrijuni minn pajjiżi terzi biss jekk dawn ikunu nġabru, ġew ipproċessati u nħażnu mill-gruppi ta’ ġbir ta’ embrijuni elenkati f’din id-Deċiżjoni.

(2) Il-Kanada, New Zealand u l-Istati Uniti ta’ l-Amerika talbu l-emendar tal-listi ta’ dawn il-pajjiżi fir-rigward ta’ ċerti gruppi għall-ġbir u produzzjoni ta’ embrijuni.

(3) Il-Kanada, New Zealand u l-Istati Uniti ta’ l-Amerika kienu pprovdew garanziji rigward il-konformità mar-regoli xierqa stabbiliti fid-Direttiva 89/556/KEE u l-gruppi kkonċernati tal-ġbir ta’ l-embrijuni kienu ġew uffiċjalment approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità mis-servizzi veterenarji ta’ dawk il-pajjiżi.

(4) Id-Deċiżjoni Nru. 92/452/KEE għandha tiġi emendata minħabba dawn ir-raġunijiet.

(5) Il-miżuri previsti f’din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentau u l-Kumitat dwar Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/60/KE (ĠU L 31, 3.2.2006, p. 24).
[2] ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2007/122/KE (ĠU L 52, 21.2.2007, p. 8).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' April 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness għad-Deċiżjoni 92/452/KEE huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringiela għall-grupp ta' ġbir ta' embrijoni mill-Kanada E71 hija mibdula b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "CA | | E71 | | Gencor<br>RR 5<br>Guelph, Ontario N1H 6J2 | Dr. Ken Christie<br>Dr Everett Hall" |

(b) ir-ringiela għall-grupp ta' ġbir ta' Embrijoni minn New Zealand NZEB01 hija mħassra.

(ċ) ir-ringiela għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni minn New Zealand NZEB02 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "NZ | | NZEB02 | | Animal Breeding Services Ltd<br>Kihikihi ET Centre<br>3680 State Highway 3, RD 2<br>Hamilton | Dr. John David Hepburn" |

(d) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja għall-Istati Uniti ta' l-Amerika:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 06ID129<br>E 1327 | | Countryside Veterinary Clinic<br>2724E 700 N<br>St. Anthony, ID 83445 | Dr. Richard Geary" |

(e) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja għall-Istati Uniti ta' l-Amerika:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 06IA128<br>E 1717 | | Westwood Embryo Services INC<br>1760 Dakota AVE<br>Waverly, IA 50677 | Dr. Mike Pugh" |

(f) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 93WA061 E600 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 93WA061<br>E600 | | Mount Baker Veterinary and Embryo Transfer Services<br>9320 Weidkamp RD<br>Lynden, WA 98264 | Dr. Blake Bostrum" |

(g) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 95PA082 E664 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 95PA082<br>E664 | | Van Dyke Veterinary Clinic<br>4994 Sandy Lake Greenville RD<br>Sandy Lake, PA 16145 | Dr. Todd Van Dyke" |

(h) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 92MD058 E745 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 92MD058<br>E745 | | Catoctin Embryo Transfer<br>4339 Ridge RD<br>Mt. Airy, MD 21771 | Dr. William L Graves" |

(i) ir-ringiela ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għall-grupp ta' ġbir ta' embrijuni Nru 02TX107 E1428 tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "US | | 02TX107<br>E1482 | | OvaGenix<br>4700 Elmo Weedon RD #103<br>Collage Station, TX 77845 | Dr. Stacy Smitherman" |